Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 303/2019

Il-Pulizija
(Spettur Nikolai Sant)

Vs

Marieclaire Camilleri

Illum 11 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Marieclaire Camilleri detentrici tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0246480M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar is-26 ta' Lulju 2014 u t-tliet xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Ikkoltivat l-pjanta cannabis bi ksur tal-Artikolu 8 (ċ) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Kellha fil-pussess tagħha l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Ottubru 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(ċ) u 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkundannatha ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva u multa ta' seba' mitt ewro (€700) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hatja f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hatja tonqos milli thallas pagament wiehed il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannat lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-każ, u cioe` ghas-somma totali ta' mitejn, wiehed u ghoxrin ewro u tnejn u erbghin ċentezmu (€221.42), rapprezentanti l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut fis-somma ta' mija, sebgha u erbghin ewro u hamsin centezmu (€147.50) u dawk relatati mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers* PS 612 Theo Vella u PC 910 Sean Pace fis-somma ta' tlieta u sebghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€73.92). Tali somma ghandha tithallas mill-hatja fi zmien xahrejn mil-lum.

Ordnat id-distruzzjoni tal-weraq, tal-haxix u tal-*joint* esebiti in atti hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment ordnat komunika ta' din is-sentenza lill-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali Dr. Owen Bonnici.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Marieclaire Camilleri, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Novembru 2019, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza moghtija nhar it-30 ta' Ottubru 2019 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent hatja tal-imputazzjonijiet lilha addebitati, thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena inflitta.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Marieclaire Camilleri huma s-segwenti u cioè:-

1.) Illi jidher li quddiem l-ewwel Qorti d-dibattitu kien jikkoncerna l-applikabbilità o meno tal-Artikolu 7 tal-Kap 537 bil-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Artikolu 7 ma kienx applikabbli.

Illi f'dan il-kuntest l-aggravju tal-esponent jikkonsisti fl-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti tal-Artikolu 7 tal-Kap 537. In effetti, jidher illi l-enfasi kien fuq il-kliem "li ma taqbizx pjanta wahda" bhala l-kliem operattiv tal-Artikolu 7 fit-totalità tieghu.

Illi bid-dovut rispett ir-reat li l-Artikolu 7 qieghed jindirizza huwa r-reat ta' kultivazzjoni b'mod illi l-legislatur qed jindirizza sitwazzjoni fejn ikun hemm kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantità zghira li ma taqbizx pjanta wahda. Fi kliem iehor huwa l-att tal-kultivazzjoni li jrid ikun att wiehed u mhux jekk l-effett ta' tali kultivazzjoni wassal sabiex l-istess pjanta tinbet fi pjanti ohra. Naturalment

jehtieg dejjem li l-att tal-kultivazzjoni li huwa l-"actus reus" ta' dan ir-reat ikun tali li l-Qorti tkun sodisfatta li tali att ta' kultivazzjoni kien ghall-uzu esklussiv tal-hati. B'hekk qed jigi umilment sottomess illi l-iskop tal-Artikolu 7 imur oltre l-mod ristrettiv li l-ewwel Qorti qieghda tinterpretah.

Illi l-esponent tikkontendi li fir-realtà, li din hija l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 7 tal-Kap 537 jemergi wkoll mill-bran tad-dibattitu parlamentari fuq l-istess att li huwa riprodott fis-sentenza appellata. Il-parti relattiva hija s-segwenti:

*"… Ahna qed nghidu li meta qeghdin nitkellmu fuq pjanti tal-kannabis, min jipproduci kwantita' zghira ghall-uzu personali mhux bilfors imur il-habs. Jekk ghandi pjanta tal-kannabis li qed tipproduci ammonti zghar li jidher ovvju li huma ghall-pussess tieghi, f'dak il-kaz mhux bilfors li wiehed irid imur il-habs. Inhallu f'idejn il-Qrati"*.

L-uzu tal-plural mill-Onorevoli Ministru li kien qieghed jippilota dan l-Att jindika li l-parti operattiva hija kemm jigu kultivati pjanti u mhux kemm jinbtu pjanti minn dak l-att uniku ta' kultivar, purche dejjem li l-Qorti tkun sodisfatta li l-agent ikun ikkoltiva pjanta wahda meta effettivament wettaq l-"actus reus" u li tali att ta' kkultivar kien ghall-uzu personali tal-imputat.

Tabilhaqq il-fatti ta' dan il-kaz kienu jipprezentaw ruhhom perfettament f'dak li l-legislatur kien qieghed jillegisla ghalih. Filwaqt li l-esponent tapprezza d-dieqa tal-ewwel Qorti fil-fatt li hasset li kellha jdejha marbutin u kellha tinkaceraha, tali dieqa fir-realtà hija konsegwenza tal-interpretazzjoni rigida u inkompleta tal-Artikolu 7.

2.) Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz kienu tali illi jekk kien hemm, f'mohh l-ewwel Qorti, diffikultà fl-applikabbilità tal-Artikolu 7 tal-Kap 537, allura l-ewwel Qorti setghet tghaddi biex tapplika l-Artikolu

8 tal-Kap 537 u l-esponent tirriserva d-dritt li tressaq talba simili fil-mori ta' dan l-appell.

3.) Illi tenut kont li l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 tal-Kap 537 kienu applikabbli, il-piena imposta hija eccessiva.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1.Illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta'  Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-iskwadra ta' kontra d-droga ezegwew mandat ta' tfittxija fir-residenza fejn kienet tirrisjedi l-appellanta;

2.  Fuq il-bejt ta' din ir-residenza instabet qasrija u cioe' pot li kien fiha sitt pjanti suspettati cannabis. Fir-residenza instab ukoll xi grass u  sigarett tal-brim u cioe' joint suspettat li kien fih il-Cannabis;

3. Illi l-appellanta ikkoperat bi shih mal-Pulizija u stqarret li kienet hi li zrat il-pjanta u li kienet ghadha ma kkunsmatx minn din il-pjanta ghalkemm ikkonfermat li kienet taghmel uzu mill-Cannabis;

4. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellanta.

Illi fl-ewwel lok, fis-seduta tal- 20 ta' Mejju 2020 qudiem din il-Qorti, Dr Matthew Xuereb ghall-Avukat Generali ecepixxa n-nullita' tas-sentenza tal-Ewwel Qorti in vista tal-fatt li l-Qorti ma kienitx semmiet l-artikolu 392A fis-sentenza taghha. Dr. Joseph Giglio ghall-appellanta iddikjara li l-fatt li l-Ewwel Qorti ma semmietx l-artikolu 392A, ma huwiex wiehed mir-rekwiziti li n-nuqqas tieghu iwassal ghan-nullita' tas-sentenza. Din il-Qorti sejra ghalhekk l-ewwel tikkunsidra din l-eccezzjoni ta' nullita' mressqa mill-Avukat Generali fis-smiegh ta' dan l-appell stante li fil-fehma tieghu huwa wiehed ta' ordni pubbliku. Mill-atti jirrizulta li l-appellanta

kienet irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u dan fl-ewwel seduta u cioe' fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015). Kien fis-seduta tat- 13 ta' Novembru 2017 li l-Ewwel Qorti wara li ezaminat l-atti u rriskontrat li hemm diskrepanza fil-process fis-sens li s-submission form annessa mar-relazzjoni tax-Xjenza Godwin Sammut tirreferi ghal sitt pjanti suspettati cannabis, li talbet kjarifika dwar dan lil Ufficjal Prosekutur. L-Avukat difensur tal-appellanta ta' dak iz-zmien irrileva li fl-istqarrija l-imputata rreferiet ghal pjanta wahda. Il-Qorti wara li ordnat li jinstemghu provi ohra, qieset li fic-cirkostanzi mhix qed taccetta l-ammissjoni tal-imputata.

Fis-sentenza appellata, il-Qorti dwar l-ammissjoni registrata mill-appellanta qieset is-segwenti:

'*Rat ukoll illi fl-ewwel seduta miżmuma għas-smiegħ tal-kawża ossia fl-10 ta' Diċembru 2015, l-imputata rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, liema ammissjoni hija kkonfermatha wara li ngħatat ħin biżżejjed sabiex hija tirrikkonsidra l-ammissjoni tagħha;*

*Rat ukoll illi fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2017, għar-raġunijiet indikati fil-verbal tal-istess seduta, il-Qorti ddikjarat li ma kienetx qegħda taċċetta l-ammissjoni tal- imputata.*'

Fl-istess sentenza qieset li '*Għal kull buon fini il-Qorti tirritjeni illi qegħda tiskarta għal kollox l-ammissjoni tal-imputata, kif reġistrata minnha fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 2015*'
L-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*(1) Jekk l-akkużat, bi twegiba għall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b) u fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, jistqarr li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat u l-imsemmi reat ikun suggett għal piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena prigunerija, il-qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u tagħtih ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha.*
*(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull ligi oħra, jekk l-akkużat jibqa' jtenni fit-twegiba tiegħu li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat, din it-twegiba għandha tigi rregistrata, u il-Qorti bħala qorti ta' gudikatura kriminali għandha tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li*

*għandha tingħata skont il-ligi kontra akkużat li jinsab ħati tar-reat u tordna li l-atti, flimkien ma' kopja tas-sentenza, jigu mibgħuta lill-Avukat Generali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol.*

*(3) Iżda, meta jkun hemm raguni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx gie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħal li kieku l-akkużat ma wegibx li hu ħati.*

*(4) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 370(2) u tal-artikolu 371 għandhom mutatis mutandis japplikaw għal proċeduri taħt dan l-artikolu dwar reat li għalih japplika s-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.*

*(5) Fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, l-imputat u l-Avukat Generali jistgħu jilħqu ftehim u jitolbu lill-qorti permezz ta' rikors, sabiex fil-każ li l-imputat jiddikjara ruħu ħati, il-Qorti tal-Magistrati bħala qorti ta' gudikatura kriminali tapplika dik is-sanzjoni jew miżura jew, meta jkun hekk provdut bil-ligi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew miżuri, tax-xorta u l-kwantità miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jingħata sentenza meta jinsab ħati għar-reat jew ir-reati li jigi akkużat bihom.*

*(6) Il-qorti ma għandhiex, meta tagħti sentenza tagħha, tqis kull ftehim dwar is-sentenza li tkun ser tingħata li ma jkunx sar skont is-subartikolu (5).*

*(7) Jekk il-qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew il-miżura, jew il-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri, mitluba kif provdut fis-subartikolu preċedenti jkunu tali li kien ikun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' ħtija għar-reat li dwaru l-imputat ikun ammetta l-ħtija, u ma jkollhiex għaliex tordna li jitkompla l-każ skont dak imsemmi fis-subartikolu (3) jew għal xi raguni oħra li tiċħad it-talba, u wara li tispjega lill-imputat bi kliem ċar x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tiegħu, il-qorti għandha, meta ssir l-ammissjoni ta' ħtija tal-imputat, tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet fejn tiddikjara fid-deċiżjoni tagħha li s-sentenza li tkun qegħda tingħata tkun qegħda hekk tigi mogħtija fuq talba tal-partijiet.*

*(8) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 453A(3) sa (5), iż-żewg subartikoli inklużi, għandhom mutatis mutandis japplikaw għall-proċeduri taħt dan l-artikolu.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Gabriel Micallef] Vs Andre' Falzon'**[1] gie meqjus li:

*'Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-ohra li hemm fl-atti, senjalatament l-istqarrija tieghu stess ghaliex minn din ta'l-ahhar jirrizulta illi huwa ikkometta r-reati addebitati lilu mhux f'Awwissu, izda f'Settembru 2013 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal ta'l-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xahar wara. Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta'l-ammissjoni maghmula mill- persuna akkuzata tghallimna illi:*

*"Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.*[2] *"(sottolinjar tal-Qorti)*

*Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l- inetnzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa l-*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 2015 (Appell Numru: 385/2013)

[2] Il-Pulizija vs Martin Camilleri 20/01/1995 (Vol.LXXIX.v.1538) (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata.)

*kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex trqi ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il- mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi affermat dan allura din il-Qorti bis-setgha moghtija lilha fl-artikolu 428(6) ser tghaddi sabiex titratta l-mertu ta' dan il-kaz daqslikieku ma kienx hemm ammissjoni minn naha ta'l-appellanti.'*

Ghalhekk il-Qorti ghandha s-setgha *ai termini* tal-artikolu 436(3)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li taghmel dak kollu li ma huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni tagħha, li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita'. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fil-fatt li l-Ewwel Qorti skartat l-ammissjoni tal-appellanta abbazi tal-fatt li kienet irriskontrat diskrepanza fil-process dwar l-ammont ta' pjanti misjuba u ghalhekk talbet kjarifika lil Ufficjal Prosekutur u ordnat li provi ohra jinstemghu.

Illi dwar dak imnizzel fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti iccitat is-segwenti artikoli fil-parti dispositiva tas-sentenza u cioe' '*l-Artikoli 8(ċ) u 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*' u ghalhekk ma indikatx l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

*'Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena ussemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull ligi ohra li tkuntikkontempla r-reat.'*

Ghalhekk stante li l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jikkontemplax reat, il-Qorti kuntrarjament ghal dak sottomess mill-Avukat Generali, ma kienitx obbligata li tindika dan l-artikolu fis-sentenza taghha. Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjoni ta' nullita' mressqa mill-Avukat Generali fis-seduta tal- 20 ta' Mejju 2020 u sejra tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji mressqa fir-rikors tal-appell.

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellanta hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha ghalkemm qieset li kienet sodisfatta li l-pjanti in kwistjoni ma kienux intizi ghajr ghall-uzu personali esklussiv tal-imputata u qieset ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz, il-kooperazzjoni assoluta tal-imputata u anke l-hajja taghha b'mod generali lkoll jimmillitaw kontra piena ta' prigunerija effettiva, qieset izda li ma kelliex ghazla ghajr li tghaddi biex teroga l-piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-appellanta.

Il-kwistjoni kollha quddiem l-Ewwel Qorti kienet tirrigwarda jekk l-appellanta ikkultivatx pjanta wahda jew aktar. Meta xehed l-Ispettur Nikolai Sant fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) kien xehed dwar li '*gewwa r-residenza taghha kienet instabet pjanta suspettata cannabis..*' Spjega li '*din kienet pjanta wahda. **Il-mod ta' kultivar kien mod unprofessional**, jigifieri ma' kienx hemm xi hsieb ta' traffikar.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.) L-Ixjenzat Godwin Sammut fix-xhieda tas-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li '*Fil- 31 ta' Lulju 2014 kont gejt moghti 3 dokumenti minghand PS 612 li kienu jikkonsistu fi xkora li kien fiha xi weraq ta' lewn ahdar. Kien hemm ukoll xi haxix ta' lewn ahdar u kif ukoll joint. Jien ghamilt analizi fuq il- kontenut ta' dawn id-dokumenti u bhala konkluzjoni fuq estratti mehuda mill-weraq ta' lewn ahdar li hemm fid- document hawn fuq imsemmi kif ukoll mill- haxix u mill- joint instabet is-sustanza tetrahydrocannabinol. Il- piz total ital-haxix kien ta' 6.83 grammi u l- purita kienet ta' circa 5%.*' Huwa inghata xkora b'hafna weraq, il-purita' kienet baxxa u l-pot ma rahx. Skont ir-relazzjoni tieghu immarkata bhala Dok GS a fol 29 et sequitur l-Ixjenzat Godwin Sammut ikkonkluda li '*fuq estratti mehuda mill-weraq ta' lewn ahdar li hemm fid-dokument 099_16_01, mill-haxix ta'*

*lewn ahar li hemm fid-dokument 099_16_02 u mill-joint li hemm fid-dokumnt 099_16_03 instabet is-sustanza* <u>*Tetrahydrocannabinol*</u>*. Il-piż total ta' haxix kien ta'* <u>*6.83 grammi*</u> *u l-purita kienet ta' ċirka ta' 5%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*'

Ps 612 Theo Vella fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjega li fis-submission form li ghaddew lis-Sur Sammut ghandu miktub '*6 pjanti suspettati cannabis, 3 twal madwar 31 pulzier, tnejn madwar 29 pulzier u wahda twila madwar 15-il pulzier*' Kienet pot wahda u jghid li kien hemm sitt (6) pjanti go pot wiehed. Fir-relazzjoni tas-Scene of Crime Officers PS 612 Theo Vella u PC 910 Sean Pace immarkata bhala Dok TV a fol 45 et sequitur fost kostatazzjonijiet ohra tnizzel li '*malli l-esponenti waslu fuq il-post gew infurmati mill-membri tad-drug squad prezenti li fuq il-bejt tal-fond kien hemm pot wahda (1) b'sitt (6) pjanti suspettati cannabis. Dawn il-pjanti gew maqlughin minn go l-imsemmija pot minnufih u kienu ta' qis differenti, tliet (3) pjanti twal madwar 31 pulzier, tnejn (2) madwar 29 pulzier u wahda (1) madwar 15-il pulzier...*' Fir-relazzjoni tal-espert PC910 Sean Pace gew pprezentati numru ta' ritratti fosthom tal-pot b'sitt pjanti fih, liema ritratt huwa deskritt bhala '*Dehra generali tal-pjanta*' u anke ritratt iehor bis-sitt pjanti deskritt bhala '*Ritratt tas-stt pjanti likienu fil-pot li gew ddokumentati bhala dok 14BVY 1.*' Ittiehdu ukoll ritratti ta' sustanza lewn kannella u anke ta' sigarett.

Ps 364 David Borg fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjega li l-appellant '*mill- ewwel ikkollaborat mieghi fejn fil- fatt tellghetni fuq il- bejt u taghtni barmil bil- log tar- Remia li kien fih qisu 6 pjanti zghar go fih.*' Mistoqsi '*Naqblu li 6 branches iktar milli tghid pjanti*' wiegeb '*Ezattament. 6 zkuk li kienu go pot wiehed.*' Kien hemm ukoll sigarett suspettuz fuq bank tal-kcina li elevawh ukoll u kien hemm xi daqxejn grass fuq il-komodina tal-kamra tas-sodda. Xehed li '*l-persuna imxiet tajjeb hafna maghna u kkollaborat mill- ewwel u kull ma kellha taghtulna hi minn jeddha*'. WPS 256 Leanne Sant fil-hdax (11) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehdet li '*peress li l-iskwadri kienu pajzana, kif giet mitkellma hija mal-ewwel urietna fejn kienet il-pjanta tal-Cannabis. Giet mistoqsija wkoll kif bdiet l-istorja li tkabbar il-*

*pjanta, fejn hija qalet li kienet iddubbat iz-zerriegha pero' ma kienetx qalet min pero' ammettiet maghna li l-pjanta kienet tgahha u ghal uzu personali wkoll.*' Ikkonfermat li qed tirreferi ghal pjanta wahda. Mistoqsija kemm kienet kbira wiegbet '*Kienet naqra, ma' tghidx pjanta normali minn dawn iz-zghar.*' Ikkonfermat li xi 30, 40 centimentru, '*kienet zvillupata iva, ghax jiena ma' nifhimx pero' meta staqsejt lil shabi dak iz-zmien ta' kontra d-drogi kienet tidher jigifieri kellha diga l-leaves, il-weraq, kellha hafna weraq minnha hergin.*' PS 243 Clayton Frendo fis-seduta tal-hdax (11) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjega li '*ghidnilha biex naghmlulha tfixxija, staqsejniha jekk kellix xi haga llegali fid-dar u ndikatilna mal-ewwel li kellha pjanta tal-Cannabis fuq speci ta' bejt li kellha fid-dar taghha. Ahna morna hemmhekk mal-ewwel u sibna din il-pjanta.*' Xehed li kkoperat mal-ewwel.

L-imputata Marie Claire Camilleri fis-seduta tal-hdax (11) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjegat li '*Kont mort incaqlaq il-karozza u barra gejt approwcajta mill-Pulizija pajzana u qaluli li xtaqu jidhlu d-dar biex jaraw jekk ghandix xi haga. Jiena kkoperajt mal-ewwel u dahhalthom mal-ewwel u wrejthom fejn kelli l-pjanta fuq il-bejt.*' Spjegat li '*l-pjanta kienet go barmil fuq il-bejt u ma' kien hemm xejn irrigazzjoni u kienet ghall-qilla tax-xemx f' nofs Lulju, fuq il-bejt.*' Kienet issaqiha '*darba, darbejn fil-gimgha, fil-fatt xi ftit tal-gimghat qabel konna barra minn Malta ghal ghaxart ijiem u fejn kienet baqghet.*' Hadd ma kien isaqiha waqt li kienet barra minn Malta. Spjegat ukoll li '*kont inpejjep madwar hames jew sitt joints kull jum, ghandi problema ta' ansjeta', ppruvajt il-pilloli imma x-xoghol tieghi huwa ntensiv hafna u ma' nkunx nista niehu pilloli ohrajn matul il-gurnata u l-joint filghaxija kien jikkalmani.*' Mistoqsija jekk kellha hsieb li taqsam il-pjanta ma haddiehor wiegeb '*Le, dina kienet ghalija biss personali. Fil-fatt kienet ghadha wisq zghira biex niehu minnha.*' Ghalhekk qatt ma kkunsmat minnha. Kienet ghadha zghira, kull ma kien hemm weraq. Fl-istqarrija rilaxxata mill-appellanta fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) spjegat li xtrat bejn xahrejn u tlieta, kienet akkwistat bicca smoke u fil-buds kien hemm iz-zerriegha. Kabrithom bix-xemx u ilma u kienet issaqiha darbtejn fil-gimgha. Qatt ma kienet xrat iz-zerriegha tal-Cannabis u qatt ma kkonsmat minn din il-pjanta ghalhekk hi taghmel uzu mill-Cannabis. Apparti l-Cannabis ma taghmilx uzu minn xi droga ohra. Mistoqsija

x'wassalha biex tizra dawn iz-zerriegha tal-Cannabis wiegbet '*Kienu ghandi u ma rridtx narmijhom.*' Hadt ma gieghlha jew kien involut maghha f'din il-kultivazzjoni u lanqas qasmet xi zerriegha u lanqas kellha skop tqassam xi haxixa lil boyfriend jew lil hbieb. Cahdet li Matthew Harry Brown kien involut fit-tkabbir ta' din il-pjanta. Stqarret li tixtri Cannabis minghand persuna li ma tafx x'isimha. Qalet ukoll li lesta tikkopera mal-Pulizija.

Ghalkemm din l-istqarrija kienet rilaxxata fiz-zmien li suspettati ma kellhomx id-dritt li jkollhom Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija taghha, l-appellanta ma ressqet l-ebda oggezzjoni dwar l-ammissibilita' ta' din l-istqarrija. Din ghalhekk hija prova ammissibli.

Illi l-appellant permezz tal-appell taghha mhijiex tappella mill-htija izda mill-piena. L-aggravju jikkonsisti fl-interpretazzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 537. Jidher li l-enfasi kien fuq il-kliem '*li ma taqbizx pjanta wahda*' bhala il-kliem operattiv tal-artikolu 7. Tissottometti li r-reat li l-artikolu 7 qieghed jindirizza huwa r-reat ta' kultivazzjoni b'mod li l-legislatur qed jindirizza sitwazzjoni fejn ikun hemm kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita' zghira li ma taqbizx pjanta wahda. Skont l-appellanta huwa l-att tal-kultivazzjoni li jrid ikun att wiehed u mhux jekk l-effett ta' tali kultivazzjoni wassal sabiex l-istess pjanta tinbet f'pjanti ohra. Jehtieg dejjem li l-att tal-kultivazzjoni li huwa l-actus reus ta' dan ir-reat, ikun tali li l-Qorti tkun sodisfatta li tali att ta' kultivazzjoni kien ghall-uzu esklussiv tal-hati. B'hekk gie sottomess li l-iskop tal-artikolu 7 imur oltre l-mod restrittiv li l-Ewwel Qorti qieghda tinterpretah. Saret referenza ghal dibattitu parlamentari dwar l-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Tissottometti li filwaqt li tapprezza d-dieqa tal-Ewwel Qorti fil-fatt li hasset li kellha ideja marbutin u kellha tinkarcerha, tali dieqa fir-realta' hija konsegwenza tal-interpretazzjoni rigida u inkompleta tal-artikolu 7. Li minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz kienu tali illi jekk kien hemm, f'mohh l-Ewwel Qorti diffikulta fl-applikabbilita' tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 537, allura l-Ewwel Qorti setghet tghaddi biex tapplika l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537. L-appellanta fl-appell taghha rrizervat id-dritt li tressaq

talba simili fil-mori tal-appell. Ghalhekk skont l-appellanta tenut kont li l-artikolu 7 u l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 kienu applikabbli, l-piena imposta hija eccessiva.

Fl-ewwel lok, din il-Qorti tqis li talba *ai termini* tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' sabiex il-Qorti tigi konvertita ghal Qorti dwar id-droga ma saritx u ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx li l-Ewwel Qorti kellha tapplika l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta kien jaqra:

*'Persuna li tinsab hatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis* ***fi kwantità żghira li ma taqbiżx pjanta wahda****, f'ċirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet ghall-użu personali m'ghandhiex tkun soġġettta ghal terminu mandatorju ta' priġunerija u m'ghandhiex tkun soġġetta ghall-esklużjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija previsti fil-liġijiet dwar id-droga."* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Din il-Qorti tqis li gialadarba ghalkemm instabet pot wahda, f'din il-pot kien hemm sitt (6) pjanti, l-Ewwel Qorti interpretat korrettament l-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk kienet marbuta u ma setghatx ma timponiex piena ta' prigunerija effettiva. Ghalhekk mhuwiex il-kaz li l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-ligi kienet titkellem dwar pjanta wahda u mhux dwar att ta' kultivazzjoni wiehed.

Jirrizulta li permezz tal-Att IV tal-2020, l-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta gie mhassar u dan fil-mori tas-smiegh ta' dan l-appell. Ghalhekk illum il-gurnata, il-ligi ma tistipulax li persuna li jkun ikkultiva aktar minn pjanta wahda tal-Cannabis ma jkunx jista' jinghata piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija effettiva. Ghalhekk anke jekk persuna tkun ikkultivat aktar minn pjanta wahda Cannabis ma jfissirx li piena ta' prigunerija effettiva hija tassattiva, izda kollox jiddependi dwar jekk il-Qorti tkunx sodisfatta li dan kien ghal uzu esklussiv tal-hati.

L-artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta illum jipprovdi:

'*Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni ,id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista,li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta'informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksurta' din l-Ordinanza:*

*Iżda fil-każ ta' koltivazzjoni jew importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik il-koltivazzjoni jew importazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation kif ukoll l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma jgħoddux.*'

Għalhekk skont dan l-artikolu, sabiex il-kultivazzjoni tikkostitwixxi traffikar, il-Qorti trid tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kinitx għall-uzu esklusiv tal-hati. L-appellanta mhijiex akkuzata bi traffikar izda b'koltivazzjoni tal-pjanta Cannabis u pussess smeplici tal-pjanta Cannabis. F'dan ir-rigward, l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta illum jaqra:

'*Meta r-reat ikun reat taħt l-artikolu 4 jew taħt l-artikolu 8(ċ)* ***<u>ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti hija sodisfatta li dik il-koltivazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati</u>****, ta jew ikun jikkonsisti fil-bejgħ jew traffikar ta' mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taħt is-subartikolu (1)(f), jew ikun reat ta'pussess ta' mediċina, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati,jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1Ċ) jew(1D) jew (lE), priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minngħaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba'mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmeninċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa utmenin ċenteżmu (11,646.87); u*'

Għalhekk l-artikolu applikabbli huwa l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn għalhekk piena ta' prigunerija effettiva mhijiex tassattiva. Din il-Qorti għalhekk nonostante l-fatt li nstabu sitt pjanta f'pot wahda, ai fini ta' piena sejra tieħu in konjizzjoni diversi fatturi fosthom il-fatt li l-appellanta zrat dawn il-

pjanti ghal uzu esklussiv taghha, il-fatt li ma kellha l-ebda intenzjoni sabiex taqsam din il-pjanta ma haddiehor u lanqas li tittraffikaha. Mill-atti jirrizulta ukoll li l-appellanta ikkoperat bis-shih mal-Pulizija mill-bidu nett tal-investigazzjoni tant li l-appellanta ikkoperat mal-Pulizija mill-mument li hija giet avvicinata mill-Pulizija pajzana u assumiet responsabbilta' ta' dak misjub fir-residenza taghha.

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghac-certifikat prezentant mill-appellanta li jinsab a fol 76 u mmarkat bhala Dok MCC, rilaxxat mill-psikoterapista Charles Cassar fejn ghalkemm huwa ma ttellax bhala xhud, fost informazzjoni ohra iccertifika li:

'*Since the use of marijuana to deter anxiety was reduced drastically and replaced with more orthodox approaches, her vision for the future is much clearer and together we are working towards total non-usage. As the sessions progress, we are seeing a notable improvment.*

*The patient's past main stress indicator was her obsession in wanting to grow non contaminated marijuana for personal use in order to ease her OCPD traits, her continuous pursuit to control everything including the acquisition of these drugs, to make sure it is free from impurities.*

*Her present stress indicator is he eventuality of possible incarceration.*'

Ghalhekk jirrizulta ampjament car li l-appellanta qatt ma kellha l-intenzjoni li titraffika l-Cannabis u ghalhekk il-koltivazzjoni kienet intiza ghall-uzu esklusisv taghha, ghalkemm kienet ghadha ma bdietx tikkonsmaha. Kienet l-Ewwel Qorti stess li fis-sentenza taghha qieset li '*minkejja li l-piż tal-pjanti in kwistjoni kien wiehed relattivament minimu, minkejja wkoll hi hija sodisfatta illi l-pjanti in kwistjoni ma kinux intiżi ghajr ghall-użu personali u esklussiv tal-imputata, u in oltre ghalkemm ċirkostanzi tal-każ, il-kooperazzjoni assoluta tal-imputata u anke l-hajja taghha b'mod generali lkoll jimmilitaw kontra piena ta' prigunerija efettiva, il-Qorti m'ghandhiex ghażla ohra ghajr illi tghaddi sabiex teroga tali piena fil-konfront tal-istess imputata.*'

Ghalhekk gialadarba llum il-gurnata l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni sabiex taghzel tapplikax piena ta' prigunerija effettiva meta l-Qorti tkun sodisfatta li l-koltivazzjoni

tal-pjanta Cannabis kienet ghall-uzu esklussiv tal-hati, u tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet kollha maghmulha inkluz tal-fatt li jirrizulta car li l-koltivazzjoni kienet ghall-uzu esklussiv tal-appellanta, sejra ghalhekk tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellanta ghal sitt (6) xhur prigunerija effettiva u sejra minflokk tordna li l-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija tigi sospiza ghal zmien sena ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tikkonferma l-htija tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellanta, tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellanta ghal sitt (6) xhur prigunerija effettiva u minflokk tikundanna lill-appellanta ghal sitt (6) xhur prigunerija li permezz tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sena (1) mil-lum.

Din il-Qorti tikkonferma fejn il-Qorti ikkundannat lill-appellanta ghal hlas ta' multa ta' seba' mitt ewro (€700) li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hatja f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan li jekk il-hatja tonqos milli thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni maghmulha *ai termini* tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-appellanta giet ikkundannata thallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz, u cioe` ghas-somma totali ta' mitejn, wiehed u ghoxrin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€221.42), rapprezentanti l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut fis-somma ta' mija, sebgha u erbghin ewro u hamsin centezmu (€147.50) u dawk relatati mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers* PS 612 Theo Vella u PC 910 Sean Pace fis-somma ta' tlieta u sebghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€73.92). Din is-somma ghandha tithallas mill-hatja fi zmien xahrejn mil-lum.

Tikkonferma l-ordni ghad-distruzzjoni tal-weraq, tal-haxix u tal-*joint* esebiti in atti, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta

l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-appellanta l-portata ta' din is-sentenza u wissietha dwar il-konsegwenzi jekk hija tikkometti reat iehor waqt il-perjodu operativ ta' din is-sentenza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur